MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tal-5 ta' Gunju, 2013

Numru. 236/2013

Il-Pulizija
(Sp Robert Said Sarreo)
vs
Etienne Piscopo, iben Philip, imwieled Pieta' fit-13 ta' Diċembru, 1990, karta ta' l-identita' numru 572990(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat:
1. talli fit-3 ta' Novembru, 2012 għal ħabta ta' bejn is-2.30 a.m. u it-3.00 a.m., ġewwa Triq San Lawrenz, Kalkara ttanta li jisraq 'bumper' ta' vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni TFI 192, tal-għamla FIAT Punto għad-dannu ta' Mervyn Richard Willis, liema reat ma seħħx minħabba xi ħaġa indipendenti u aċċidentali mill-volonta' tiegħu liema attentat hu aggravate bil-ħin, bil-valur li jeċċedi l-€232.94 iżda anqas minn €2,329.40 u bin-natura tal-ħaġa misruqa;

2. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, u cioe' għamel ħsara f'vettura tal-għamla FIAT Punto, bin-numru tar-reġistrazzjoni TFI 192, liema ħsarat huma ta' aktar minn €116.47 iżda anqas minn €1,164.70 għad-dannu ta' Meryvn Richard Willis.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tal-5 ta' Ġunju, 2013 fejn il-parte ċivile nfurmat lill-Qorti li d-danni li jammontaw għall-€350 ġew imħallsa mill-imputat u li ma hemmx aktar interess f'dan il-kawża.

Rat il-verbal tas-seduta tal-5 ta' Ġunju, 2013 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 41(1)(a), 261(ċ)(f)(g), 267, 270, 271(g), 279(a), 280(1) u 325(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali. Rat il-fedina penali netta, l-ammissjoni bikrija u il-fatt li l-imputat ħallas id-danni. Għalhekk, ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sentejn mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------